MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 560/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Anthony Camilleri Ellul Bonici (ID 235144M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Lulju 2008, fejn is-socjeta` attrici talbet lit-Tribunal illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin ewro u sitt centezmi (€432.06), liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21465842 (AT5058/69) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi, IZY 1 konsistenti f'prospett bl-akkont numru 10108567 (telefon 21465842), IZY 2 konsistenti f'talba ghal xoghol dwar servizz telefoniku 21565842.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenut fejn eccepixxa illi d-dokumenti attrici huma preskritti ai temini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu l-esponent m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta illi l-partijiet qabblu illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tigi deciza fis-sentenza mal-mertu.

Sema' x-xhieda ta' **Dr. Ingrid Zammit Young** in rappresentanza tas-socjeta` attrici fejn ikkonfermat illi l-ammont kollu kif mitlub fl-avviz huwa dovut. In kontro-ezami l-istess xhud fejn spjegat illi Dok IZY 1 huwa *breakdown* ta' *account number* li jaqa' taht telefon *number* partikulari li jgib numru 21465842 u fejn hemm PYAC dak jindika pagament *on account.* Is-somma li qed titlob l-attrici ikopru kontijiet mis-sena 2006 lura sas-sena 2000. Spjegat ukoll illi ai fini ta' Dok AC 2, il-kont hu relattiv ghall-istess numru tat-*telephone* pero` tikkonferma li l-*account numbers* huma differenti.

L-istess xhud ikkonfermat ukoll illi l-*account* tas-Sur Anthony Camilleri bin-numru 10108567 gie maghluq mill-kumpanija *for non payment* u jekk mar ghand haddiehor, minn dak il-file ma jirrizultax. Minkejja li l-*account* hu *removed,* xorta wahda kien fadal kont pendenti illi huwa l-mertu ta' din il-kawza.

Spjegat ukoll illi l-kontijiet ta' Priscilla Camilleri kienu fuq *account number* differenti u ghal servizzi differenti, mhux

relatat mal-bilanc illi kien fadal dovut minn Anthony Camilleri. Meta nghalaq l-*account* 10108567 ta' Anthony Camilleri kien ghad fadal il-kont pendenti bil-bilanc imsemmi fl-avviz. Ikkonfermat ukoll li l-ahhar kont ta' Anthony Camilleri kien fl-20 ta' Ottubru 2003 u kien hemm l-ahhar pagament f'dan il-kont ta' mija u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm190.05) li sar fil-25 ta' Mejju 2004. Spjegat ukoll illi min ghamel il-hlas ta' mija u disghin Lira Maltin u hames centezmi (Lm190.05) ghamlu fuq dan l-*account.* Ikkonfermat ukoll illi jista' jkun xi hadd iehor li kien hallas fuq l-*account*. Hi kkonfermat illi peress illi l-pagament dahal f'dan l-*account* hi qed tassumi illi l-hlas sar fuq dan l-*account* ghax assumiet ukoll illi li kieku kien ta' xi haddiehor kien jidhol f'*account* differenti.

Sema' x-xhieda tal-konvenut **Anthony Camilleri Ellul Bonici** fejn spjega illi kien jghix fil-post in kwistjoni (li kellu bhala n-numru telefoniku 21465842) sal-15 ta' Novembru 2002 u wara din id-data, kien inqaleb fuq isem Priscilla Camilleri. Spjega ukoll kif fit-3 ta' Gunju 2004, kien kiteb lill-Maltacom (Dok. AC 1) fejn hemm referenza ghall-fatt illi dan kien kont li nqaleb fuq isem Priscilla Camilleri b'effett minn Novembru 2002. Ikkonferma ukoll illi bl-istess ittra hu kien qed jirritorna rcevuta ta' Lm190.00 illi kien thallsu fuq l-istess kont fejn addirittura kien spjega fl-istess ittra li dik l-ircevuta kellha aktarx tintbaghat lil Priscilla Camilleri li aktarx kienet ghamlet il-pagament akkont hi.

Inoltre, l-istess xhud esebixxa kopja ta' erba' kontijiet (Dok AC 2 - 5) li huma mid-data tas-sena 2003 'l quddiem fuq l-istess numru tat-*telephone* li huma kollha kontijiet mibghuta lil Priscilla Camilleri fl-istess indirizz tas-Siggiewi. Inoltre`, fuq l-istess dokumenti esebiti, hemm il-*handwriting* tal-mara tieghu li alllura jindikaw illi l-pagamenti saru wkoll mill-mara. Ix-xhud ikkonferma ukoll illi l-kontijiet huma kollha mhallsin wara li hu ghamel il-verifiki li kellu jaghmel.

In kontro-ezami ix-xhud stqarr illi ai fini tal-metodi ta' kif inqaleb il-kont minn fuq ismu ghal fuq dak ta' Priscilla Camilleri, hu jghid illi kienu iffirmaw karti pero` kopja taghhom m'ghandux.

Ix-xhud esebixxa ukoll Dok AC 6 konsistenti fi *schedule* li hejja hu stess.

It-Tribunal sejjer qabel xejn jissindika l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini ta' l-Artiklu 2156(f) tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta – l-preskrizzjoni kwinkwennali.

Jirrizulta mill-provi mressqa illi l-kont mertu ta' din il-kawza huwa intestat f'isem il-konvenut. Jirrizulta ukoll illi l-pendenza hija ghall-perjodu mis-sena 2000 sas-sena 2006. Jirrizulta ukoll illi fil-25 ta' Mejju 2004, kien sar pagament akkont. Mix-xhieda tas-socjeta` attrici jirrizulta illi dan il-hlas seta` ma sarx mill-konvenut – izda jibqa` hlas akkont maghmul fuq l-account relattiv. F'dan il-kuntest ghalhekk, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tisghax tintlaqa`.

Jibqa` li t-Tribunal jevalwa t-tieni eccezzjoni moghtija mill-konvenut. Mill-provi mressqa, jirrizulta illi l-konvenut kien kiteb lis-socjeta` attrici u gharraf lill-istess illi b'effett mil-15 ta' Novembru 2002, huwa ma kellux aktar x'jaqsam mal-kont de quo u talab illi l-linja de quo tinqaleb fuq isem il-mara tieghu Priscilla Camilleri li minnha kien ghadu kemm issepara.

Ghalkemm ma hemmx kopja ta' tali korrispondenza, b'dana kollu giet esebita ittra DOK AC1 (fol 26) datata 3 ta' Gunju 2004 tal-konvenut lis-socjeta` attrici li permezz taghha, ricevuta tal-pagament akkont hawn fuq msemmi kienet qed tigi ritornata mill-konvenut appuntu sabiex din tintbghat lil min kien effettivament hallas – cioe`, l-imsemmija Priscilla Camilleri. F'dik l-istess ittra l-konvenut jerga jaghmel referenza ghal sentejn qabel (15/11/02) meta kien gharraf lis-socjeta` attrici li ma kellux aktar x'jaqsam mal-kont de quo.

Il-konvenut jesebixxi ukoll sensiela ta' ricevuti fuq l-istess linja illi thallsu mill-imsemmija Priscilla Camilleri.

Ghal dan, is-socjeta` attrici ma rribattiet xejn u sostniet biss illi l-linja u l-kont kienu ghadhom registrati fuq isem il-konvenut. Mix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta` attrici jirrizulta illi din assumiet illi l-hlas sar mill-konvenut ghax il-hlas sar fuq kont intestat fuq isem il-konvenut.

It-Tribunal, mill-evalwazzjoni tal-provi kollha prodotti, jikkonkludi illi s-socjeta` attrici ma rnexxiliex tipprova b'mod sodisfacenti u konvincenti fil-livell li trid il-ligi illi l-ammont riklamat ghandu jithallas mill-konvenut. Mill-provi kollha prodotti, inkluz dawk tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut irnexxielu jikkonvinci lit-Tribunal illi fuq livell ta' ekwita`, it-Tribunal ghandu jilqa` t-tieni eccezzjoni tieghu u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi dritt tas-socjeta` attrici li jekk thossha f'posizzjoni, tirreverti ghall-proceduri ohra.

**GHALDASTANT**, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u wara li sema` t-trattazzjoni tad-difensuri, ghar-ragunijiet u l-motivazzjonijiet kollha hawn fuq moghtija jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-tieni eccezzjoni filwaqt illi jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------